# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
## AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE

## Seduta tal-Erbgħa, 29 ta' Mejju 2019

## Talba Numru 282/2018SFJ

## *Probe Technologies Limited (C30550)*
## *vs.*
## *Roger Satariano & Son Limited (C2643) u Balzan Homes Limited (C35832)*

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2018 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi ippremettiet u talbet is-segwenti:

- Illi fis-sena 2011 is-soċjetà attriċi ntalbet minn David Tabone, *financial controller* tas-soċjetajiet intimati, sabiex tipprovdi kwotazzjoni għal *hall porter system*, liema kwotazzjoni ntbagħtet lil David Tabone minn Etienne Cini (direttur u azzjonist fi ħdan is-soċjetà attriċi) permezz ta' *e-mail* datat 23 ta' Awwissu 2011 mibgħut fit-3:20 ta' wara nofsinhar;

- Illi David Tabone rrisponda għal din l-*e-mail* permezz ta' *e-mail* datat 24 ta' Awwissu 2011 mibgħuta fid-9:17 ta' filgħodu fejn ingħatat il-konferma u l-*go ahead* lis-soċjetà attriċi sabiex din tipproċedi bl-installazzjoni skont il-kwotazzjoni relattiva;

- Illi x-xogħol sar u ħarġet l-*invoice* appożita, jiġifieri *Invoice 5462* datata 28 ta' Mejju 2013;

- Illi l-pagament dovut lis-soċjetà attriċi qatt ma sar nonostante diversi interpellazzjonijiet

Għalhekk, is-soċjetà attriċi talbet li s-soċjetajiet intimati jew min minnhom ikunu ikkundannati jħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' **elfejn u seba' mija u disgħa u ħamsin Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€2,759.63c)** dovuti skont *Invoice 5462* datata 28 ta' Mejju 2013 oltre l-imgħax legali mit-28 ta' Mejju 2013.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tas-soċjetà intimata għas-subizzjoni.

Ra li in sostenn tat-talba, is-soċjetà attriċi ppreżentat is-segwenti dokumenti:

| | |
|---|---|
| Dokument A (a fol. 2 u 3) | Kwotazzjoni maħruġa mis-soċjetà attriċi indirizzata lil "*Balzan Homes*" datata 23 ta' Awwissu 2011 (*Quotation code: 701109*) li tindika total ta' elf u disa' mija u erbgħa u disgħin Ewro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€1,994.99c). Ġie stipulat li prezzijiet għall-*cables* ma kinux inklużi fil-kwotazzjoni u ntqal li *UTP Cat5 Cable* kien jiswa tnejn u tmenin ċenteżmu (€0.82c) (u taxxa fuq il-valur miżjud) għal kull metru filwaqt li *UTP Cat6 Cable* kien jiswa ewro u għoxrin ċenteżmu (€1.20c) (u taxxa fuq il-valur miżjud) għal kull metru. |
| Dokument B (a fol. 4) | *E-mail* minn Etienne Cini datata 23 ta' Awwissu 2011 fit-3:20 ta' wara nofsinhar li permezz tagħha ipprovda kwotazzjoni għal *hall porter system* lil David Tabone. L-istess dokument juri r-risposta ta' David Tabone (datata 24 ta' Awwissu 2017 fid-9:17 ta' filgħodu) fejn l-istess Tabone ikkonferma li Etienne Cini seta' jipproċedi bl-installazzjoni tal-*hall porter system*. |
| Dokument Ċ (a fol. 5) | *Invoice* numru 5462 maħruġa fit-28 ta' Mejju 2013 u indirizzata lil "*Roger Satariano & Sons – Balzan Homes*" fejn intalab il-ħlas ta' elfejn u seba' mija u disgħa u ħamsin Ewro u tlieta u sittin ċenteżmu (€2,759.63c). |

Ra li s-soċjetajiet konvenuti ġew innotifikati bl-Avviż tat-Talba nhar is-6 ta' Lulju 2018 kif jidher mir-riferti relattivi.

Ra r-Risposta ta' Roger Satariano & Son Limited (C2643) ippreżentata fl-20 ta' Settembru 2018 fejn ġie eċċepit:

- Preliminarjament li s-soċjetà Roger Satariano & Son Limited (C2643) ma kinitx il-leġittimu kontradittur tas-soċjetà attriċi stante li hi qatt ma tat inkarigu lis-soċjetà attriċi għal *hall porter system* u għalhekk kellha tiġi illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju mingħajr ma teħel aktar spejjeż;

- Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-preċitat, it-talbiet tas-soċjetà attriċi kienu infondati fil-fatt u fid-dritt; u

- Salv eċċezzjonijiet oħra skont il-liġi.

Ra r-Risposta ta' Balzan Homes Limited (C35832) ippreżentata fl-20 ta' Settembru 2018 fejn ġie eċċepit:

- Illi t-talbiet tas-soċjetà attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha; u

- Salv eċċezzjonijiet oħra skont il-liġi.

Ra l-verbal tal-udjenza tal-25 ta' Settembru 2018 fejn is-soċjetà attriċi talbet l-isfilz tar-Risposti stante li t-tnejn kienu tardivi b'numru ta' ġimgħat. L-avukat difensur tal-konvenuti irrilevat li qabel ġew ippreżentati r-Risposti, ir-rappreżentant legali tal-konvenuti kien tkellem mal-Avv. Edward Debono li kien ta l-visto meta dawn ġew ippreżentati. Hija irrilevat ukoll li r-raġuni għat-tardività kienet stante li min kellu jgħaddi l-karti kien imsiefer dakinhar tan-notifika u dam biex induna bil-karti. It-Tribunal, diversament ippresedut, wara li ra l-visto u qies li t-tardività seħħet fil-ferjat u għalhekk ma ħolqitx dewmien inutli fil-proċeduri, ċaħad it-talba għall-isfilz.

Ra li fl-udjenża tat-23 ta' Ottubru 2018, it-Tribunal, diversament ippresedut, fuq talba tas-soċjetajiet konvenuti, awtorizza l-preżentata ta' risposti ulterjuri sabiex tiġi eċċepita l-preskrizzjoni.

Rat ir-Risposti ulterjuri ippreżentati miż-żewġ soċjetajiet konvenuti fit-28 ta' Ottubru 2018 li permezz tagħhom, iż-żewġ soċjetajiet konvenuti eċċepew (f'Risposti separati) li l-azzjoni attriċi hija preskritta u perenta *ai termini* tal-Art. 2148(a) u l-Art. 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.

Sema' x-xhieda, ra d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata u qara n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2018 xehed Etienne Cini, li huwa direttur u azzjonist fi ħdan is-soċjetà attriċi. Hu spjega li fis-sena 2007, is-soċjetà attriċi xtrat *penthouse* mingħand Balzan Homes Limited, liema *penthouse* tinsab fi Triq Birbal, Ħal Balzan. Wara ftit, Cini ippreċiża li fil-fatt, kienet is-soċjetà Probe Trading Limited li xtrat il-fond, mhux Probe Technologies Limited. Cini xehed li ż-żewġ soċjetajiet kienu tiegħu. Cini kompla jgħid li Probe Technologies Limited irċeviet *e-mail* mingħand Roger Satariano & Son lista ta' inkarigi għal xogħlijiet. L-arranġament donnu kien li Probe Technologies Limited kienet tirċievi l-inkarigi mingħand Roger Satariano & Son u toħroġ fatturi għax-xogħol. Dawn il-fatturi kienu mbagħad jinqatgħu mill-prezz tal-*penthouse* li Probe Trading Limited kellha konvenju dwarha biex tixtriha mingħand Balzan Homes Limited.

It-Tribunal jirreferi għad-dokument EC1, li huwa *e-mail* minn David Tabone (kontrollur finanzjarju) fi ħdan Roger Satariano & Son lil Elvia Cini. Dan l-*e-mail* għandu lista ta' ħdax-il pagament li saru bejn is-6 ta' Lulju 2007 u l-31 ta' Diċembru 2011. Dawn il-pagamenti jammontaw għal mija, wieħed u erbgħin elf, mitejn u sebgħa u tletin Ewro u tnax-il ċenteżmu (€141,237.12c).

Dokument EC2 (a fol. 20) jindika li fis-26 ta' Ġunju 2013, David Tabone kien bagħat *e-mail* lil Etienne Cini fejn intqal, fost affarjiet oħrajn li relattivament għall-*invoice* 5462 ("*Balzan Homes Intercoms*), huma kienu qegħdin jiċċekkjaw xi affarjiet.

Cini xehed li l-partijiet <u>qablu</u> dwar il-fatturi mniżżlin fid-dokument EC1 iżda rigward dawk fid-dokument EC2, tnejn ġew approvati filwaqt li t-tnejn l-oħra kienu għadhom fil-proċess biex jiġu approvati. It-Tribunal osserva li fil-fatt, David Tabone, fid-dokument EC2, b'referenza, fost oħrajn, għall-*invoice* 5462, kiteb "*we are currently checking*".

It-Tribunal ra d-dokument EC3 (a fol. 21) u osserva li riferibbilment għall-kwotazzjoni għall-installazzjoni ta' *hall porter system*, David Tabone ta struzzjonijiet ċari lil Etienne Cini "*Confirmed – please go ahead with the installation.*"

Dokument EC4 (a fol. 22) huwa e-mail minn David Tabone lil Etienne Cini fejn għal darb' oħra, b'referenza għall-*invoice* 5462 li tindika l-ammont mitlub f'din il-kawża, Tabone kiteb "*I confirm the following amounts are due to you*". Tabone qal li ċertu Tonio Zammit kien qed jitlob xi flus għall-konnessjonijiet tal-*intercom* u ried ilesti dan ix-xogħol ("*I would like to sort this out*").

Fis-16 ta' Jannar 2019 xehed Tonio Zammit, direttur ta' Euromed Eco Power Limited. Huwa essenzjalment xehed li l-kumpanija tiegħu kienet ħadet il-*franchise* ta' Probe Technologies Limited u għalhekk, komplew ix-xogħol huma. Zammit xehed (a fol. 35): "*Li m'għamilx Etienne komplejtu… ngħid li aħna komplejna fejn Etienne Cini kien waqaf. Bażikament aħna għamilna l-intercoms fl-appartamenti li ma kellhomx intercom, li ma kinux saru l-intercom minn Cini.*"

It-Tribunal jirreferi għax-xhieda ta' Tonio Zammit (a fol. 35) u josserva li dan qal: "*Satariano kien qabbad lil Probe Technologies u aħna xogħli kien li nidħlu biex nagħmlu l-intercoms li kienu għadhom ma twaħħlux min-naħa tal-Probe*". Zammit kompla jixhed hekk: "*Ngħid li aħna komplejna fejn Etienne Cini kien waqaf. Bażikament aħna għamilna l-intercoms fl-appartamenti li ma kellhomx intercom, li ma kinux saru l-intercom minn Cini.*"

Tonio Zammit, <u>prodott in eżami mis-soċjetà attriċi</u>, xehed li hu kien bagħat *invoice* lis-soċjetajiet konvenuti u essenzjalment xehed li kien hu li kien beda jkellem lis-soċjetajiet konvenuti. Din il-komunikazzjoni mas-

soċjetajiet konvenuti iċċentrat dwar il-kwistjoni tar-rimpjazzament tal-*cables* li kellhom xi ħsarat. Jirriżulta li l-involviment ta' Tonio Zammit u s-soċjetà Euromed Eco Power Co. Ltd kienet limitata għall-*cables* u mhux għall-*handsets* u għall-*intercoms*.

Zammit kompla jixhed li hu kellu jagħmel *intercoms* iżda l-installazzjoni tagħhom kienet diġà tħallset. Oltre dan, xehed li kellhom jinstallaw xi *cables* u jsewwu xi *cables* li kellhom xi ħsarat. Zammit u d-ditta tiegħu, iżda, ħarġu *invoices* biss relattivament għall-*cables*.

| | | |
|---|---|---|
| Fol. 41 | *Quotation* għal *Reconfiguration and Service Per apt* | €112.00 |
| Fol. 44 | *Connection & Rewiring (Apt. 201)* | €112.00 |
| Fol. 45 | *Connection & Rewiring (Apt. 402)* u *Connection & Rewiring (Apt. 403)* | €224.20 |
| Fol. 46 | *Connection & Rewiring (Apt. 201)* u *Audio Cable* | €136.17 |
| Fol. 47 | *Connection & Rewiring (Apt. 104)* u *Audio Cable* | €160.24 |

Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2019, wara li xehed Tonio Zammit u ppreżenta xi dokumenti, is-soċjetà attriċi għalqet il-provi.

Rigward il-provi mressqa mis-soċjetajiet konvenuti, it-Tribunal, qabel xejn, jibda biex josserva li s-soċjetajiet konvenuti ressqu biss xhud wieħed, ċioe Paul Scicluna ta' Balzan Homes Limited. Huwa osservat ukoll li għalkemm saru diversi referenzi għal komunikazzjonijiet mal-kontrollur finanzjarju David Tabone, dan qatt ma ttella' jixhed relattivament għal min tah l-awtorità jagħti l-*go-ahead* għax-xogħlijiet għan-nom tal-konvenuti.

Is-soċjetajiet konvenuti lanqas biss tellgħu lil Joseph Satariano, msemmi fix-xhieda ta' Paul Scicluna, li huwa notevoli li lanqas kien wisq ċert minn dak li qal. Meta kien mistoqsi (a fol. 50) jekk kellux idea dwar il-mertu tal-kawża, Scicluna wieġeb li kien sorpriż u wieġeb skont dak li kien infurmat. Dan ifisser li aktarx hu ma kellux konoxxenza personali. Jekk Scicluna ma kellux konoxxenza wisq dettaljata tal-fatti, għaliex tħarrek biex jixhed mis-soċjetajiet konvenuti? Ma tantx jagħmel sens li wieħed iħarrek xhud li jew ma jkollux informazzjoni jew li jkun inċert mill-ftit informazzjoni li jkollu!

Fil-fatt, a fol. 52 hemm imniżżel li Scicluna xehed li ma kienx isegwi x-xogħlijiet u ma kellux idea x'tip ta' xogħlijiet laħqu twettqu minn Probe Technologies Limited.

Huwa ċar li mill-*invoice* li tinkludi l-installazzjoni u mix-xhieda ta' Tonio Zammit, donnu ħadd ma xehed b'wisq ċertezza relattivament għax-xogħlijiet li ma twettqux minn Probe Technologies iżda li xorta s-soċjetajiet konvenuti ġew mitluba jħallsu għalihom.

It-Tribunal ma jinsabx konvint li x-xogħlijiet li twettqu minn Euromed Eco Power Co. Ltd kienu biss xogħlijiet *extra*, iżda fil-fehma tal-istess Tribunal, dawn kienu xogħlijiet neċessarji sabiex jitlestew ix-xogħlijiet li kellhom jitlestew minn Probe Technologies Limited u li għal xi raġuni, ma tlestewx.

Is-soċjetà attriċi qatt ma qalet li x-xogħlijiet ma tlestewx u lanqas qalet jew indikat b'xi mod li Etienne Cini, diriġent tagħha, kien jgħix f'Dubai (kif xehed Paul Scicluna). Għalhekk, fuq naħa waħda, hemm ħlas li qiegħed jintalab għal xogħlijiet li saru u materjal fornit filwaqt li fuq in-naħa l-oħra hemm xhud wieħed, minn żewġ soċjetajiet konvenuti, li ma xehedx b'mod ċar. Jekk huwa minnu li Scicluna, skont ix-xhieda tiegħu stess, qatt ma segwa l-andament tax-xogħlijiet, kif allura kien jaf li x-xogħlijiet bdew u ma tkomplewx? Jekk Scicluna ma segwiex ix-xogħlijiet, hu li hu direttur ta' Balzan Homes Limited, kif awtorizza l-ħlasijiet li saru lil Euromed Eco Power Co. Ltd? Huwa ovvju li dawn l-affarjiet ma jreġux. It-Tribunal qiegħed jintalab jemmen li direttur, li skont il-liġijiet tagħna għandu responsabilitajiet estensivi fir-rigward tal-ġestjoni ta' soċjetajiet kummerċjali, awtorizza ħlasijiet għal xogħlijiet meta ma kienx infurmat bl-andament tal-istess xogħlijiet.

Scicluna xehed (a fol. 62) li huwa tqabbad "*biex ikompli*" x-xogħlijiet. Dan jikkorrobora x-xhieda ta' Tonio Zammit (ta' Euromed Eco Power Co. Ltd) u b'hekk it-Tribunal issa jikkonvinċi ruħu li x-xogħlijiet relattivi ma tlestewx mis-soċjetà attriċi.

Jekk hu minnu li s-soċjetajiet konvenuti riedu jbigħu jew jittrasferixxu l-appartamenti relattivi, huma ma setgħux jistennew.

Mix-xhieda ma jirriżultax li hemm risposti ċari dwar min awtorizza lil David Tabone, li jidher li hu kontrollur finanzjarju fi ħdan iż-żewġ soċjetajiet konvenuti, sabiex jawtorizza li jsiru x-xogħlijiet.

L-*invoice* li tinsab a fol. 5 tal-proċess tidher, fil-fatt, li hija indirizzata liż-żewġ soċjetajiet konvenuti.

Jirriżulta minn fol. 20 tal-proċess li l-*invoice* 5462 qatt ma kienet assoġġettata għal tpaċija mal-kuntratt tal-*penthouse*. Fil-fatt, skont dokument EC2 a fol. 20, David Tabone kien għadu qiegħed jagħmel xi verifiki dwarha.

F'dokument EC4 a fol. 22, David Tabone ikkonferma li l-ammont mitlub skont l-*invoice* 5462 kellu jitħallas. Iżda, huwa żied li Tonio Zammit (Euromed) kien qiegħed jitlobhom xi flus għal *connections* tal-*intercoms* fl-appartamenti li ma kellhomx settijiet.

F'*e-mails* datati 2015 a fol. 24, Tabone qal li ċ-ċekk kien jonqsu biss li jkun iffirmat. Dan wasal li wiehed jifhem li l-pagament aktarx kien approvat u aċċettat u kien jonqos biss il-firma. Izda Iktar tard, a fol. 26, Tabone spjega li ċekk wieħed kien lest u li rigward Balzan Homes, kellu jiltaqa' ma' Paul Scicluna. Hu qal li hawn l-*invoice* 5422 rigward Balzan Homes ma kinitx lesta.

It-Tribunal issa jgħaddi biex jindirizza l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni li tqajmu. Iż-żewġ soċjetajiet konvenuti eċċepew li t-talbiet tas-soċjetà attriċi kienu preskritti *ai termini* tal-Artikoli 2148(a) u 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.

L-Artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili huwa ċar li it-terminu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri minn dakinhar li l-kreditur ikun jista' jeżerċita l-azzjoni li huwa jippretendi li tispetta lilu.

L-Artikolu 2148(a) jistabbilixxi perjodu preskrittiv ta' tmintax-il xahar għal:

> "*l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta' persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu*"

L-Artikolu 2156(f) jistabbilixxi perjodu preskrittiv ta' ħames snin għal:

> "*l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku*"

Għalhekk, it-Tribunal irid jeżamina jekk it-talba li tifforma l-mertu tal-kawża, jiġifieri l-*invoice* 5462 (a fol. 5) hijiex preskritta. In kwantu għal dati, jista' jittieħed li d-data minn meta l-azzjoni relattiva kienet tispetta lis-soċjetà attriċi hija d-data tat-28 ta' Mejju 2013, jiġifieri d-data meta nħarġet l-*invoice*. Din il-kawża nfetħet fit-22 ta' Ġunju 2018, jiġifieri <u>wara</u> l-għeluq ta' ħames snin (skont l-Art. 2156[f]).

It-Tribunal, iżda, ma jistax jinjora l-ammissjonijiet ċari ta' David Tabone, għan-nom tas-soċjetajiet konvenuti, li l-ammont mitlub kien dovut lis-soċjetà attriċi.

Jidher li għal tul sewwa ta' żmien, il-*modus operandi* li kien jiggverna r-relazzjoni bejn il-kontendenti kien l-istitut tat-tpaċija (*set-off*).

It-Tribunal jirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) deċiża fl-20 ta' Mejju 2019 fl-ismijiet ***<u>Vincent Calleja vs. Duncan Attard</u>*** fejn intqal:

"*Hu fatt magħruf li t-tpaċija m'hijiex kompatibbli ma' eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, għallinqas żgur fir-rigward ta' dawk il-kontijiet li dwarhom il-konvenut qiegħed jiddefendi ruħu billi jinvoka t-tpaċija. Qalet sew l-ewwel qorti li t-tpaċija "...tammonta għal stqarrija ta' għarfien tal-obbligazzjoni li kontra tagħha t-tpaċija ssir. Kemm hu hekk, ingħad li t-tpaċija hija ammissjoni tal-obbligazzjoni kuntrarja u twaqqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni". F'dan ir-rigward fis-sentenza* **Lapira vs C & A Company Limited** *tat-2 ta' Ġunju 2003 din il-qorti qalet:*

> *"Naturalment jezistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita tista' titqies rinunzjata jekk per ezempju, d-debitur b'att tieghu spontaneu ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza jpoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni. Tali hu l-kaz fejn id-debitur oltre l-preskrizzjoni jeccepixxi wkoll il-kompensazzjoni (vide "***Joseph Vella pro et noe –vs- John Vella***", Appell, 7 ta' Ottubru 1997; "***Raymond Vella –vs- Moby Rentals Limited***", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta' Novembru 2001). L-eccezzjoni tal-pagament, moghtija ukoll f'dan il-kaz, mhiex wahda minn dawn ta' inkompatibilita` (**Vol XXX pI p964**).*""

F'dan il-każ, it-tpaċija hija evidenti mill-atti tal-kawża. Paul Scicluna, <u>prodott mis-soċjetà konvenuta Balzan Homes Limited</u>, jixhed a fol. 51 u jgħid li l-konvenji għall-*penthouse* kienu jkunu twal "*biex Satarianijiet jilħqu joffsettjaw mill-prezz miftiehem xogħlijiet li kienu inkarigawh bihom.*" Min-naħa l-oħra, dokumentazzjoni esebita minn Etienne Cini (direttur tas-soċjetà attriċi) <u>ukoll</u> tirreferi għal *set-off* (tpaċija). Għalhekk, it-tpaċija ġiet ippruvata mill-kontendenti kollha u ċertament li <u>ebda parti u ebda xhud</u> ma ikkontradixxew li kien hemm tpaċija. It-tpaċija hija għalhekk evidenti mill-atti. It-tpaċija hija ammissjoni tal-kreditu.

Għalhekk, it-Tribunal ma jinsabx konvint li din l-azzjoni hija preskritta, la *ai termini* tal-Art. 2148(a) u lanqas *ai termini* tal-Art. 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Anzi, għall-kuntrarju, it-tpaċija li saret regolarment fiż-żmien bejn il-ħruġ tal-*invoices* relattivi u l-ftuħ tal-kawża kif ukoll ir-referenzi mix-xhieda taż-żewġ naħat jikkonvinċu lit-Tribunal li s-soċjetajiet konvenuti ġenwinament jemmnu li l-kreditu huwa dovut. Dan ukoll għax l-*e-mails* ta' David Tabone, esebiti minn Etienne Cini, ma ġew kontradetti b'ebda mod. Kieku riedu, setgħu s-soċjetajiet konvenuti tellgħu lil David Tabone sabiex bix-xhieda tiegħu jiċħad jew jikkonferma dawk l-*e-mails*. Iżda, dawk l-*e-mails* ma ġew kontradetti b'ebda mod.

It-Tribunal issa jerġa' jirreferi għax-xhieda ta' Tonio Zammit a fol. 35 fejn jingħad li Zammit u l-kumpanija tiegħu kellhom ibiddlu *cables* li allegatament kellhom xi ħsarat. Huwa innutat li ma jidhirx li kien hemm xi ħadd li ivverifika jew semma din il-ħsara ħlief dan ix-xhud. Hu qal li għamel *connections* u *rewiring*. Dan neċessarjament ifisser li kien hemm *wiring* (li allura minn min kien sar?) li kellu jsir mill-ġdid. Zammit irrefera wkoll għal xi saqaf li sfronda. Hemm dubji dwar dan fis-sens li għalkemm Zammit xehed dan taħt ġurament, m'hemmx, per eżempju, xi prova dwar *insurance claim* jew xi prova fotografika dwar dan. F'dan ir-rigward, it-Tribunal qiegħed jirreferi għax-xhieda a fol. 37.

Għalkemm jidher li Tonio Zammit wettaq xi *rewiring*, m'hemm ebda indikazzjoni, la mix-xhieda *viva voce* u lanqas mill-provi dokumentarji, li r-*rewiring* kien neċessarju proprju għax sfronda s-saqaf. Jekk veru li sfronda s-saqaf, ovvjament li saret ħsara lill-*cables*. Iżda jekk kien l-isfrundar li wassal għall-ħsarat fil-*cables*, dan mhux ħtija tas-soċjetà attriċi.

Għalhekk, il-kwistjoni hija dwar il-fatt li fil-kwotazzjonijiet ta' Tonio Zammit, ma saritx *itemisation* dwar liema parti mill-kwotazzjoni kienet tirrigwarda *rewiring* u liema parti tirrigwarda *connections* li kellhom isiru mis-soċjetà attriċi. Jidher li Zammit aktarx kiteb *total unit price* ta' ħamsa u disgħin Ewro (€95) għal kull *unit*.

David Tabone, kontrollur finanzjarju fi ħdan iż-żewġ soċjetajiet konvenuti, donnu ta l-*go-ahead* għal kulħadd lil kulħadd. Jidher li hu ħa responsabilità għaż-żewġ soċjetajiet konvenuti. Dan jikkonvinċi lit-Tribunal li din l-azzjoni għandha tipproċedi *in solidum* kontra ż-żewġ soċjetajiet konvenuti.

Stante li m'hemmx provi dwar dan, it-Tribunal ma jafx sa fejn waslet is-soċjetà attriċi fix-xogħlijiet tagħha. Jista' jkun li din għamlet ix-xogħol kollu (kif xehed ir-rappreżentant tagħha), iżda sfronda s-saqaf u saret xi ħsara u għalhekk is-soċjetajiet konvenuti kellhom iqabbdu lil terzi stante d-danni li kienu saru. Min-naħa l-

oħra, jista' jkun li s-soċjetà attriċi ma kinitx spiċċat ix-xogħlijiet u għalhekk, Euromed Eco Power Co. Ltd (ta' Tonio Zammit) kompliet ix-xogħlijiet u kompliet sabiex tirrimedja d-danni li saru bl-isfrondament.

Dan it-Tribunal, billi huwa fil-kamp ċivili, jiddeċiedi kemm fuq *balance of probabilities* kif ukoll prinċipalment abbażi tal-ekwità.

F'***Carmel Grima vs. De La Rue Currency and Security Print Limited*** (deċiża mill-Prim' Awla fl-24 ta' Ottubru 2018) intqal li "*l-Qorti f'kawżi ċivili għandha taġġudika kawża fuq il-bażi ta' probabilitajiet ta' kif seħħew il-fatti.*"

F'***George Bugeja vs. Joseph Meilak***, deċiża mill-Prim' Awla fit-30 ta' Ottubru 2003, intqal hekk: "*[F]il-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet.*"

Il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza ***Perit John M. Gambina vs. Fithome Ltd*** (deċiża fis-6 ta' Mejju 2011), qalet: "*[I]l-Qorti trid timxi fuq is-soliti kriterji ta' kredibilità, konsistenza u verosimiljanza tax-xhieda fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet li huma suffiċjenti f'kawża ċivili.*"

Paul Scicluna kompla jixhed li Euromed kompliet "*xi ħaġa*". Hu qatt ma semma li sfronda xi saqaf u għalhekk it-Tribunal qatt ma jista' jkun ċert dwar dan minħabba nuqqas ta' provi fuq dan il-punt. Kien biss Tonio Zammit li qal hekk u li kellu jsewwi l-ħsarat fil-*cables*. Iżda kemm Tonio Zammit kif ukoll Paul Scicluna semmew li tkomplew xi xogħlijiet. Il-valur preċiż ma jistax jiġi ikkwantifikat bi preċiżjoni relattivament għat-tkomplija tax-xogħlijiet għax fil-kwotazzjonijiet, Tonio Zammit poġġa kollox f'daqqa u m'għamilx *itemisation*.

It-Tribunal josserva wkoll li għalkemm m'hemm ebda prova relattivament għal min awtorizza lil David Tabone jagħti l-*go-ahead*, lanqas m'hemm prova li hu ma kienx awtorizzat jagħti l-*go-ahead*.

It-Tribunal huwa tal-fehma li hemm ammont dovut lis-soċjetà attriċi iżda mhux l-ammont sħiħ stante li xi *connections* kellhom isiru minn Euromed. Għalhekk, it-Tribunal ser inaqqas l-ammonti indikati fuq l-*invoices* ta' Euromed (fol. 43 sa fol. 47) mill-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi, liema ammont jitla' għal elf u mija u erbgħa u sebgħin Ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€1,174.83c). Għalhekk, jirriżulta li s-soċjetà attriċi hija dovuta l-ammont ta' elf u ħames mija u erbgħa u tmenin Ewro u tmenin ċenteżmu (€1,584.80c).

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi:

i. Jiċħad l-eċċezzjonijiet ulterjuri kollha tas-soċjetajiet konvenuti u jiddikjara li l-azzjoni mhix preskritta;

ii. Jiċħad l-ewwel eċċezzjoni ta' Roger Satariano & Son Limited u jiddikjara li dik is-soċjetà hija fil-fatt leġittimu kontradittur stante li ma ġiex ippruvat li David Tabone ma kellux awtorità jagħti l-*go-ahead*;

iii. Jiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn kollha tas-soċjetajiet konvenuti;

iv. Jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi limitatament għall-ammont ta' elf u ħames mija u erbgħa u tmenin Ewro u tmenin ċenteżmu (€1,584.80c); u

v. Konsegwentement, jikkundanna lis-soċjetajiet konvenuti sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' elf u ħames mija u erbgħa u tmenin Ewro u tmenin ċenteżmu (€1,584.80c) *in*

*solidum* bejniethom u imghaxijiet li jibdew jiddekorru mit-28 ta' Mejju 2013 sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu in kwantu għal ħamsin fil-mija (50%) mis-soċjetà attriċi u ħamsin fil-mija (50%) mis-soċjetajiet konvenuti *in solidum* bejniethom.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**